31981L0680

29.8.1981 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 246/32

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI
tat-30 ta' Lulju 1981
li temenda d-Direttivi 71/250/KEE, 71/393/KEE, 72/199/KEE, 73/46/KEE, 74/203/KEE, 75/84/KEE, 76/372/KEE u 78/633/KEE li jistabilixxu l-metodi Komunitarji ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' għalf

(81/680/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/373/KEE ta' l-20 ta' Lulju 1970 dwar l-introduzzjoni tal-metodi Komunitarji għat-teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' għalf [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikulari bl-Artikolu 2 tagħha,

Billi l-Anness ma' l-Ewwel Direttiva tal-Kummissjoni 71/250/KEE tal-15 ta' Ġunju 1971 li tistabilixxi l-metodi Komunitarji ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' affarijiet ta' għalf [2] jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni tal-metodi ta' analiżi deskritti f'dik id-Direttiva u fid-Direttivi tal-Kummissjoni 71/393/KEE [3], 72/199/KEE [4], 73/46/KEE [5], 74/203/KEE [6], 75/84/KEE [7], 76/372/KEE [8] u 78/633/KEE [9] li jistabilixxu metodi Komunitarji ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' l-għalf; billi, madankollu, xi wħud mid-Direttivi msemmija fuq jipprovdu li dawk ir-regoli ġenerali m'għandhomx japplikaw għall-metodi ta' analiżi li jirrelataw għal addittivi fl-għalf;

Billi hemm il-ħtieġa li jiġu aġġustati r-regoli ġenerali sabiex japplikaw mingħajr distinzjoni għall-analiżi tal-kostitwenti kollha ta' l-għalf; billi d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi in kwistjoni għandhom għalhekk jiġu emendati;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-ewwel Direttiva tal-Kummissjoni 71/250/KEE hija emendata kif ġej:

1. Il-paragrafu li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 1:

   "Ir-regoli ġenerali li jinsabu fil-Parti 1 ta' l-Anness għandhom japplikaw għall-metodi ta' analiżi adottati skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/373/KEE."

2. Fl-Anness, Parti 1 "Introduzzjoni" hija sostitwita bl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 1 tat-Tieni Direttiva tal-Kummissjoni 71/393/KEE it-tieni paragrafu huwa mħassar.

Artikolu 3

Fl-Artikoli 1 u 2 tat-Tielet Direttiva tal-Kummissjoni 72/199/KEE it-tieni paragrafu huwa mħassar.

Artikolu 4

Fl-Artikoli 1 u 2 tar-Raba' Direttiva tal-Kummissjoni 73/46/KEE it-tieni paragrafu huwa mħassar.

Artikolu 5

Fl-Artikoli 1 u 2 tal-Ħames Direttiva tal-Kummissjoni 74/203/KEE it-tieni paragrafu huwa mħassar.

Artikolu 6

Fl-Artikolu 1 tas-Sitt Direttiva tal-Kummissjoni 75/84/KEE it-tieni paragrafu huwa mħassar.

Artikolu 7

Fl-Artikolu 1 tas-Seba' Direttiva tal-Kummissjoni 76/372/KEE it-tieni paragrafu huwa mħassar.

Artikolu 8

Fl-Artikolu 1 tat-Tmien Direttiva tal-Kummissjoni 78/633/KEE it-tieni paragrafu huwa mħassar.

---

[1] ĠU L 170, tat-3.8.1970, p. 2.
[2] ĠU L 155, tat-12.7.1971, p. 13
[3] ĠU L 279, ta' l-20.12.1971, p. 7.
[4] ĠU L 123, tad-29.5.1972, p. 6.
[5] ĠU L 83, tat-30.3.1973, p. 21.
[6] ĠU L 108, tat-22.4.1974, p. 7.
[7] ĠU L 32, tal-5.2.1975, p. 26.
[8] ĠU L 102, tal-15.4.1976, p. 8.
[9] ĠU L 206, tad-29.7.1978, p. 43.

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fl-1 ta' Diċembru 1981 u għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bihom.

Artikolu 10

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-30 ta' Lulju 1981.

Għall-Kummissjoni

Gaston THORN

Il-President

ANNESS

"ANNESS

1. DISPOZIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR METODI TA' ANALIŻI GĦALL-GĦALF

A. PREPARAZZJONI TA' KAMPJUNI GĦALL-ANALIŻI

1. L-Iskop

Il-proċeduri deskritti hawn taħt jikkonċernaw il-preparazzjoni għall-analiżi ta' kampjuni finali, mibgħuta lil-laboratorji ta' kontroll wara li jittieħdu kampjuni skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-Ewwel Direttiva tal-Kummissjoni 76/371/KEE ta' l-1 ta' Marzu 1976 li jistabilixxi metodi Komunitarji biex jittieħdu kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' għalf [1].

Dawn il-kampjuni għandhom jiġu ppreparati b'tali mod li l-ammonti peżati, kif previst fil-metodi ta' analiżi, huma omoġenji u rappreżentattivi tal-kampjuni finali.

2. Prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu

L-operazzjonijiet kollha neċessarji għandhom jitwettqu b'tali mod li jiġi evitat kemm jista' jkun tniġġiż tal-kampjun u bidliet fil-kompożizzjoni tiegħu. Id-dħin, it-taħlit u l-għarbil għandhom jitwettqu malajr kemm jista' jkun b'espożizzjoni minima tal-kampjun għall-arja u għad-dawl. Mtieħen u apparati għad-dħin li x'aktarx isaħħnu l-kampjun b'mod apprezzabbli l-kampjun m'għandhomx jintużaw. Dħin manwali huwa rrakkomandat għal għalf li hu partikolarment sensittiv għas-sħana. Għandu jkun hemm attenzjoni sabiex jiġi assigurat li l-apparat proprju mhuweix fonti ta' tniġġiż ta' elementi ta' traċċa.

Jekk il-preparazzjoni ma tistax titwettaq mingħajr bidliet sinifikanti fil-kontenut niedi tal-kampjun, iddetermina l-kontenut niedi qabel u wara l-preparazzjoni skond il-metodu stabbilit fil-Parti 1 ta' l-Anness mat-Tieni Direttiva tal-Kummissjoni 71/393/KEE tat-18 ta' Novembru 1971 li tistabbilixxi metodi Komunitarji ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali ta'l-għalf [2], kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 73/47/KEE tal-5 ta' Diċembru 1972 [3].

3. Proċedura

Ħallat sewwa l-kampjun finali jew mekkanikament jew manwalment. Aqsam il-kampjun f'żewġ porzjonijiet ugwali (il-metodu ta' tqattigħ f'erba' għandu jintuża meta applikabbli). Żomm waħda mill-prozjonijiet f'kontenitur adattat nadif, niexef, mgħammar b'tapp li jissiġilla l-arja, u pprepara l-porzjon l-ieħor jew parti rappreżentattiva minnu, ta' mill-inqas ta' 100 g, kif indikat iktar 'l isfel.

3.1. *Għalf li jista' jiġi mitħun fis-sens dirett tal-kelma*

Ħlief jekk speċifikat xort' oħra fil-metodi ta' analiżi, għarbel il-kampjun kollu minn għarbiel b'malja kwadra ta' 1 mm (skond ir-rakkomandazzjoni ISO R565) wara d-dħin, jekk neċessarju. Evita kull dħin eċċessiv.

Ħallat il-kampjun magħrbul u iġbru ġo kontenitur adattat nadif, niexef mgħammar b'tapp li jissiġilla l-arja. Erġa ħallat, immedjatament qabel tiżen l-ammont għal analiżi.

3.2. *Għalf li jista' jiġi mitdħun wara t-tnixxif*

Ħlief jekk speċifikat xort'oħra fil-metodi ta' analiżi, nixxef il-kampjun sabiex tniżżel il-kontenut niedi tiegħu għal livell ta' minn 8 sa 12 %, skond il-proċedura preliminari ta' tnixxif deskritta taħt il-punt 4.3 tal-metodu ta' determinazzjoni ta' kontenut niedi msemmi fis-sezzjoni 2 fuq. Imbagħad ipproċedu kif indikat fis-sezzjoni 3.1.

3.3. *Għalf likwidu jew semi-likwidu*

Iġbor il-kampjun f'kontenitur xieraq nadif, niexef, mgħammar b'tapp li jissiġilla. Ħallat sewwa immedjatament qabel l-ippeżar ta' l-ammont għal analiżi.

3.4. *Għalf ieħor*

Kampjuni li ma jistgħux jiġu ppreparati skond waħda mill-proċeduri ta' iktar' il fuq għandhom jiġu trattati bi kwalunkwe proċedura oħra li tassigura li l-ammonti peżati għall-analiżi huma omoġenji u rappreżentattivi tal-kampjuni finali.

4. **Ħażna tal-kampjuni**

Il-Kampjuni għandhom jinħażnu f'temperatura li ma talterax il-kompożizzjoni tagħhom. Kampjuni maħsuba għall-analiżi ta' vitamini jew sustanzi li huma partikolarment sensittivi għad-dawl għandhom jinħażnu f'kontenituri kannella tal-ħġieġ.

B. DISPOZIZZJONIJIET LI JIRRELATAW GĦAL RIAĠENTI U APPARAT UŻAT F'METODI TA' ANALIŻI

1. Sakemm mhux speċifikat xort'oħra fil-metodi ta' analiżi, ir-riaġenti analitiċi kollha għandhom ikunu analitikalment puri (a.p.). Biex jiġu ddeterminati elementi ta' traċċa, il-purità tar-riaġenti għandha tiġi kkontrollata b'test mingħajr kampjun. Jiddependi mir-riżultati ottenuti, purifikazzjoni ulterjuri tar-riaġenti tista' tkun meħtieġa.

2. Kwalunkwe operazzjoni li tinvolvi preparazzjoni ta' soluzzjonijiet, diluwizzjoni, tlaħliħ jew ħasil, imsemmija fil-metodi ta' analiżi mingħajr indikazzjoni tan-natura tas-solvent jew dilwent użat, timplika li għandu jintuża l-ilma. Bħala regola ġenerali, l-ilma għandu jiġi żmineralizzat jew distillat. F'każijiet partikulari, li huma ndikati) fil-metodi ta' analiżi, għandu jiġi sottomess għal proċeduri speċjali ta' purifikazzjoni.

3. Minħabba t-tagħmir li normalment jinstab fil-laboratorji ta' kontroll, biss dawk l-istrumenti u apparat li huma speċjali jew jirrekjedu użu speċjali huma msemmija fil-metodi ta' analiżi. Għandhom ikunu nodfa, speċjalment meta ammonti żgħar ħafna ta' sustanzi għandhom jiġu determinati.

Ċ. APPLIKAZZJONI TA' METODI TA' ANALIŻI U ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

1. Inġenerali metodu ta' analiżi wieħed huwa stabbilit għad-determinazzjoni ta' kull sustanza fl-għalf. Meta jingħataw metodi diversi, il-metodu partikulari żat mil-laboratorju ta' kontroll għandu jiġi indikat fir-rapport ta' analiżi

2. Ir-riżultat mogħti fir-rapport ta' analiżi għandu jkun il-valur medju ottenut minn għall-inqas żewġ determinazzjonijiet, imwettqa fuq porzjonijiet separati tal-kampjun, u li jista' jiġi ripetut b'mod sodisfaċenti.

Dan ir-riżultat għandu jiġi espress bil-mod stabbilit fil-metodu ta' analiżi għal numru approprjat ta' ċifri sinifikanti u għandu jiġi korrett, jekk neċessarju, għall-kontenut niedi tal-kampjun finali qabel il-preparazzjoni.

---

(1) ĠU L 102, tal-15.4.1976, p. 1.
(2) ĠU L 279, ta' l-20.12.1971, p. 7.
(3) ĠU L 83, tat-30.3.1973, p. 35."